Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 515/2005

**Avviz numru 515/05DM**

**Gutenberg Press Ltd (C-8936)**

**Vs**

**David Arrigo (ID 311394 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, sitt mija, u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu (Lm3,610.50) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ servizzi ta’ stampar rezi lill-konvenut mis-socjeta’ attrici kif jirrizulta mill-prospett anness ma’ l-Avviz u mmarkat ‘Dok. GP1’. Nonostante illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas dan il-bilanc, inkluz permezz ta’ varji nterpellanzi verbali kif ukoll ittri legali datati 11 ta’ Lulju, 2005, u 9 ta’ Awissu, 2005, (Dok ‘GP2 u Dok GP3’ annessi ma’ l-Avviz), huwa baqa’ inadempjenti .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra legali datati 11 ta' Lulju, 2005, u 9 ta' Awissu, 2005 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz u bl-imghax mid-dati tal-fatturi mhux imhallsa (kif evidenzjat fil-prospett anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok 'GP1') sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lil Dr. Antoine Naudi bil-gurament u rat id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez hija gustifikata u filwaqt illi ma tiehux iktar konjizzjoni tal-mertu billi skond nota ta' riduzzjoni l-attur irrinunzja ghal tali mertu, qeghda tilqa' it-talba attrici ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza kif ukoll l-imghax legali b'effett mis-16 ta' Dicembru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------